MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-23 ta' Frar, 2007

Citazzjoni Numru. 995/1995/2

**Louis Micallef, u Doris mart l-istess Louis Micallef ghal kull interess li jista` jkollha**

**vs**

**Joseph Camilleri**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi ippremettew:

Illi l-attur kellu fil-pussess tieghu ghal snin twal porzjoni diviza ta` art tal-kejl ta` cirka hames mija u tnejn u sittin metri kwadri (562m.k.) fil-kontrada ta`l-Imdawwra,

f`Burmarrad, konfinanti mix-xlokk ma sqaq privat, punent ma Mdawra Road, u Grigal u Majjistral ma beni ta` terzi;

Illi f`dawn l-ahhar zminijiet, u precizament fid-29 ta` Mejju 1995, l-konvenut dahal abbusivament fl-istess ghalqa, ressaq il-gebel li kien hemm, u hareg vetturi ta` l-atturi mill-istess ghalqa u ta n-nar lill-vann ta` l-attur li kien fl-istess ghalqa, b`tali mod li b`dawn l-atti kollha abbusivi l-konvenut spolja abbusivament lill-attur mill-pussess tieghu ta` l-istess porzjon ta` art;

Illi nonostante li l-konvenut gie interpellat sabiex jizgombra mill-istess porzjoni diviza ta` art u jqieghed kollox fl-istat pristinu tieghu, u dan anke permezz ta` ittra legali datata 31 ta` Mejju 1995, l-konvenut baqa` inadempjenti;

Illi tali agir jikkostitwixxi spoll recenti u privileggjat ghad-dannu ta` l-attur;

Ghalhekk l-atturi talbu li l-istess konvenut jghid ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, m`ghandiex din il-Qorti:

Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenut ikkometta spoll recenti u privileggjat a dannu ta` l-attur;

Konsegwentement tikkundanna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss, jirreintegra l-porzjoni diviza ta` art tal-kelj ta` cirka 526 m.k. fil-kuntrada ta` l-Imdawra f`Burmarrad fl-istat pristinu taghha, b`dan li l-attur jigi reintegrat fil-pussess ta` l-istess art, kif l-attur dejjem kellu in precedenza, u jitqeghdu fl-istess porzjoni diviza ta` art l-vetturi u l-oggetti kollha li l-attur kellha fiha, u sisru dawk ix-xogholijiet kollha sabiex l-istess porzjoni diviza ta art titqieghed fl-istess sta prestinu taghha fi-pussess ta` l-attur;

F`kaz li jghaddi inutilment it-terminu hekk prefiss, tawtorizza lill-attur jezegwixxi huwa nnifsu x-xoghol kollu necessarju sabiex jitqieghed kollox fl-istat prestinu tieghu, b`dan li l-attur ikollu pussess liberu t` l-istess porzjoni diviza ta` art, kif dejjem kellu in precedenza, b`dan li jitqeghdu fl-istess art dak kollu li kien hemm fiha, kollox a

spejjez ta` l-istess konvenut, occorrendo taht id-direzzjoni ta` periti nominandi;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittri legali datati 13 ta` Jannar 1995, u 31 ta` Mejju 1995, u b`riserva ta kull azzjoni ta` danni u ulterjuri kompetenti lill-attur kontra l-konvenut, li gie ingunt personalment ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ta` l-atturi debitament konfernata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat in-nota ta` l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit :-

Illi huwa nehha l-gebel hazin li kien hemm fl-art in kwistjoni wara li kien akkwistaha permezz tal-kuntratt in atti Nutar Maurice Gambin fis-27 ta` Dicembru 1994, ftit xhur wara, u kwindi l-azzjoni ta` l-attur giet istitwita iktar minn xahrejn wara u ghalhekk hija perenta;

Illi mhux minnu li l-esponent kellu xi pussess legali ta` l-art in kwistjoni li tintitolah ghall-actio spolii; kull ma kien jaghmel kien li jitfa` l-imbarazz u gebel hazin fuq parti minnha kif kien jaghmlu anke terzi;

Tant dan huwa minnu li c-citazzjoni odjerna fil-parti li tiddeskrivi l-art, tirrepeti kelma b`kelma id-dicitura tal-kuntratt fuq imsemmi;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Semghet lill-atturi u lix-xhieda minnhom prodotti;

Semghet lill-konvenut;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattaazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:

Fic-citazzjoni l-atturi jippremettu li kellhom fil-pussess taghhom ghal snin twal porzjoni diviza ta` art tal-kejl ta` cirka hames mija u tnejn u sittin metri kwadri (562m.k.) fil-kontrada ta`l-Imdawwra, f`Burmarrad. L-atturi jkomplu jippremettu li fl-ahhar zminijiet qabel il-presentata tac-citazzjoni, u precizament fid-29 ta` Mejju 1995, l-konvenut dahal abbusivament fl-istess ghalqa, ressaq il-gebel li kien hemm, u hareg vetturi ta` l-atturi mill-istess ghalqa u ta’ n-nar lill-vann ta` l-attur li kien fl-istess ghalqa. L-atturi jippretendu li b`dawn l-atti kollha abbusivi l-konvenut spolja lill-atturi mill-pussess taghhom. L-atturi jghidu li l-konvenut inutilment gie interpellat sabiex jizgombra mill-istess ghalqa u jqieghed kollox fl-istat pristinu tieghu;

Ghalhekk l-atturi, fost affarijiet ohra, qed jitolbu li jigi dikjarat li l-konvenut ikkometta spoll recenti u privileggjat a dannu ta` l-atturi u konsegwentement l-istess konvenut jigi kundannat jirreintegra l-ghalqa fl-istat pristinu taghha, b`dan li l-attur jigi reintegrat fil-pussess ta` l-istess ghalqa u li jitqeghdu fl-ghalqa l-vetturi u l-oggetti kollha li l-atturi kellhom fiha, u jsiru dawk ix-xogholijiet kollha sabiex l-istess porzjoni diviza ta art titqieghed fl-istess stat prestinu taghha;

Il-konvenut qed jeccepixxi li huwa semplicement nehha l-gebel hazin li kien hemm fl-ghalqa in kwistjoni. Il-konvenut jghid li huwa akkwista l-istess ghalqa permezz tal-kuntratt in atti Nutar Maurice Gambin fis-27 ta` Dicembru 1994. Ftit wara huwa nehha l-imsemmija gebel u kwindi l-azzjoni ta` l-attur giet istitwita iktar minn xahrejn wara u ghalhekk hija perenta. Huwa jeccepixxi ukoll li mhux minnu li l-attur kellu l-pussess legali ta` l-ghalqa in kwistjoni, liema pussess jintitolah jghamel din l-azzjoni. L-attur kien biss jitfa` l-imbarazz u gebel hazin f’parti mill-ghalqa kif del rsto kienu jghamlu terzi;

Fid-dikjarazzjoni tieghu l-konvenut jispecifika li wara li akkwista l-art in kwestjoni sar jaf li l-attur kien qed jitfa` l-gebel u imbarazz fuq parti mill-ghalqa in kwestjoni. Huwa interpella ufficjalment lill-attur biex inehhi l-imsemmija oggetti perro' l-attur baqa inadempienti. Ghalhekk nehha l-istess oggetti huwa stess. Il-konvenut isostni li l-attur ma kellux pussess li jikkostitwixi pussess rikjest ghall-azzjoni ta` spoll;

It-termini tac-citazzjoni jistabilixxu n-natura tal-azzjoni tal-atturi. F'dan ir-rigward gie ritenut minn din il-Qorti fil-kawza "Michael Mamo vs Philip Grima" deciza fis-7 ta' Frar 1958 illi "n-natura tal-azzjoni ghandha tigi principalment dezunta mit-termini li fihom tkun koncepita c-citazzjoni." Ma hemmx dubju li din l-azzjoni hi wahda ta' spoll privileggjat skond il-provedimenti tal-artikolu 535 tal-Kodici Civili (Kap.16). Sabiex tirnexxi din l-azzjoni l-atturi ghandhom jippruvaw biss li huma l-pussessuri tal-immobbli in kwestjoni u li huma gew molestati mill-konvenut f'dan il-pussess taghhom. B'referenza ghall-artikolu 524 tal-istess Kodici Civili hu bizzejjewd li l-atturi jipprovaw l-anqas grad ta' pussess u cioe' li almenu huma kienu qed jiddetjenu l-immobbli ghan-nom ta haddiehor;

Skond l-artikolu 535 l-azzjoni ta' spoll privileggjat trid issir fi zmien xharejn minn meta ikun sar l-ispoll. In effett il-konvenut qieghed ukoll jeccepixxi li din l-azzjoni saret wara li skada l-msemmi terminu ta' xharejn li trid il-ligi. Il-konvenut, pero', ma gab l-ebda prova f'dan ir-rigward. L-atturi, da parti taghhom, ikkonfermaw li l-allegat spoll sehh fit-28 u fid-29 ta` Mejju 1995. L-attur jghid li jiftakar din id-data b'mod precizz billi dak in-nhar izzewget ohtu. Din ic-citazzjoni giet presentata fl-24 ta Lulju 1995 u ghalhekk entro l-imsemmi terminu. Din l-eccezzjoni tal-konvenut ghalhekk ma tistax tigi akkolta;

Inoltre jirrizulta b'mod sufficjenti li l-atturi kellhom il-pussess tal-ghalqa de quo u li huma gew molestati mill-

konvenut f'dan il-pussess taghhom. In effett mill-provi jirrizulta li l-atturi kienu ilhom diversi snin fil-pussess tal-ghalqa in kwestjoni qabel ma sehhew il-fatti mertu ta' din il-kawza. L-atturi kienu juzaw l-ghalqa biex izommu go fiha diversi oggetti fosthom ingenji ghall-usu fix-xoghol tar-raba u sabiex fiha jniffxu il-frott. L-atturi kienu jghaddu ukoll mill-istess ghalqa biex jaslu ghall-ghelieqi ohra li huma ghandhom f'dawk l-inhawi;

Jirrizulta ukoll li fit-28 u fid-29 ta` Mejju, 1995 il-konvenut nehha l-affarijiet kollha tal-attur mill-ghalqa u ta n-nar li xi uhud minn dawn l-oggetti. L-istess konvenut ghalqaq ukoll il-passagg tant li l-atturi ma setghux ikomplu jghaddu biex imorru fir-raba l-iehor taghhom. Wara dan kollu l-konvenut dahhal il-hamrija u beda jahdem l-ghalqa in kwestjoni. Minhabba f'hekk sa mill-imsemmija gurnata l-atturi ma dahlux aktar fl-ghalqa;

Il-konvenut stess ikkonferma li fiz-zmien li huwa (il-konvenut) xtara l-ghalqa, l-attur kien juza l-istess ghalqa biex izomm fiha xi affarijiet tieghu. Il-konvenut ukoll jghid li huwa interpella, anke permezz tal-konsulent legali tieghu, lill-attur biex dan tal-ahhar jizgombra mill-ghalqa u sabiex inehhi l-oggetti kollha li kien hemm fl-istess ghalqa. Kwindi l-konvenut stess jammetti li l-istess ghalqa kienet fil-pussess tal-attur. Il-konvenut isejjah l-oggetti li kellu l-attur fl-ghalqa bhala "imbarazz". Kienu x'kienu l-oggetti in kwestjoni l-konvenut ma kellu l-ebda dritt li jaqbad u jnehhi l-istess oggetti mill-ghalqa. Il-fatt li l-konvenut hu l-proprjetarju tal-ghalqa hu ghal kollox irrilevanti ghal-finijiet ta' dawn il-proceduri. Inoltre l-konvenut jammetti li huwa qabad u nehha dawn l-oggetti tal-atturi mill-ghalqa in kwestjoni u biex nehhihom uza l-gaffa;

Fid-dawl ta' dak kollu li gie premess l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut ma jistghux jigu akkolti. Peress li t-talbiet tal-atturi jirrizultaw suficjentement pruvati dawn l-istess talbiet jimmeritaw li jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut u billi konsegwentement u fit-tieni lok billi tilqa t-talbiet attrici u tiddikjara li l-konvenut ikkometta spoll recenti u privileggjat a dannu ta` l-atturi u ghalhekk tikkundanna lill-konvenut sabiex fi zmien xahar millum jirreintegra l-porzjoni diviza ta` art tal-kelj ta` cirka 526 m.k. fil-kuntrada ta` l-Imdawra f`Burmarrad fl-istat pristinu taghha, b`dan li l-atturi jigi reintegrati fil-pussess ta` l-istess art u jitqeghdu fl-istess porzjoni diviza ta` art il-vetturi u l-oggetti kollha li l-atturi kellhom fiha, u li jsiru dawk ix-xogholijiet kollha sabiex l-istess porzjoni diviza ta art titqieghed fl-istess stat prestinu taghha. F`kaz li jghaddi inutilment it-terminu prefiss, l-atturi huma awtorizzati jezegwixxu huma x-xoghol kollu necessarju sabiex jitqieghed kollox fl-istat prestinu tieghu, b`dan li l-atturi ikollhom il-pussess liberu ta` l-istess porzjoni diviza ta` art u li jitqeghdu fl-istess art dak kollu li kien hemm fiha, kollox a spejjez ta` l-istess konvenut, u dana that id-direzzjoni tal-AIC Godwin Abela li qed jigu nominat appuntu ghal dan l-iskop;

Spejjez kollha kontra l-konvenut u minnghajr pregudizzju ghall-kull azzjoni ohra spettanti lill-atturi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------